TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR
MALTA
CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 429/11/GZ

**Rosalie Theuma**

**vs**

**Kim Critien**

Illum 18 ta' Lulju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-27 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tliet mija u hamsin Ewro (€350.00), rapprezentanti d-depozitu ta' mija hamsa u sebghin Ewro (€175.00) li hija hallset ghas-servizz ta' 'wedding planner', flimkien ma' l-ammont ta' mija hamsa u sebghin Ewro (€175.00) bhala danni morali, u dana kollu in vista tan-nuqqas ta' servizz da parti ta' l-intimata.

L-intimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

L-intimata toffri servizz ta' 'wedding planner' ghat-tigijiet. Fit-22 ta' Mejju 2010 sar ftehim bejn il-partijiet b'kapparra ta' mija hamsa u sebghin Ewro (€175.00) li l-intimata ser tkun prezenti fil-prova tat-tieg, waqt it-tieg u kif ukoll tiehu hsieb il-pjanijiet u l-andament tal-gurnata tat-tieg. Minn dana kollu, l-intimata ma ghamlet xejn u sahansitra avzat lir-rikorrenti, permezz ta' sms, li mhux ser tmur taghmel xogholha, u dana biss jumejn qabel it-tieg tar-rikorrenti.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Madanakollu, l-intimata qed tirrifjuta li trodd lura l-kapparra. Ir-rikorrenti qed titlob ukoll l-istess ammont, u cioe' mija hamsa u sebghin Ewro (€175.00) bhala danni morali, peress li n-nuqqas ta' l-intimata garrab hsara kbira lir-rikorrenti u lill-familjari taghha f'gurnata daqshekk importanti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid ukoll illi hija qatt ma nghatat rcevuta mill-intimata. L-intimata kienet f'hin minnhom qalet lir-rikorrenti illi ma kienx hemm problema u li kollox kien sew, pero' ftit granet qabel it-tieg kienet qalet lir-rikorrent li ma setghatx tattendi. Ir-rikorrenti stqarret ukoll li l-intimata kienet informtha li hija kienet roddiet il-flus lura lill-Ufficjal tal-Konsumatur, izda dana ma kienx minnu.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' l-emails li gew skambjati bejn il-partijiet, li gew immarkati bhala Dok.RT.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte ta' l-intimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi l-intimata naqqset b'mod drastiku fis-servizz taghha lejn ir-rikorrenti konsumatur, billi mhux talli ma tghatx is-servizz li kienet offriet u thallset ghalih, pero' minhabba tali nuqqas, hija kkawzat hafna tensjoni ghar-rikorrenti fi zmien li certament ma kelliex bzonnha! Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna l-intimata thallas l-ammont ta' tliet mija u hamsin Ewro (€350.00) lir-rikorrenti, u dana in rapprezentanza tad-depozitu fl-ammont ta' mija hamsa u sebghin Ewro (€175.00) u l-ammont ta' mija hamsa u sebghin Ewro (€175.00) bhala danni morali, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**